# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

## S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI
## ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 27 ta' Marzu, 2020.**

**Numru 20**

**Citazzjoni numru 2689/99 SM**

**Olven Mangion ghan-nom u in rapprezentanza ta' Pool and Spa Supplies Limited**

**v.**

**Andreas Gerdes**

**Il-Qorti:**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fl-14 ta' Dicembru, 1999, minn Olven Mangion ghan-nom u in rapprezentanza ta' Pool and Spa Supplies Limited, fejn inghad is-segwenti:

> "Peress illi l-konvenut huwa debitur tas-socjeta` attrici fl-ammont ta' elf tmin mija u wiehed u ghoxrin Lira Maltin hamsa u sebghin centezmu (Lm 1,821.75), ammont rapprezentanti l-bilanc dovut fuq 'Water

Heater', 'Filtration Equipment' u xoghlijiet relatati mat-tlestija tas-'Swimming Pool' sitwata gewwa Villa Margerita, Triq tas-Silg, M'Xlokk liema xoghlijiet, konsenja u installazzjoni ta' accessorji sehh fuq inkariku dirett tal-konvenut li baqghu ma thallsux;

"Peress illi l-konvenut baqa' ma hallasx l-ammont imsemmi, minkejja li gie diversi drabi interpellat biex jaghmel dan;

"Peress illi dan l-ammont hu cert, likwidu u dovut, u fil-fehma tas-socjeta` attrici, il-konvenut ma ghandu ebda eccezzjoni x'jissolleva kontra l-pagament ta' l-istess.

"Peress illi, ghaldaqstant, ghal dawn il-proceduri huma applikabbli d-dispozizzjonijiet ghad-dispensa mis-smigh tal-kawza a tenur ta' l-Artikoli 167 et seq. tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

Jghid il-konvenut ghaliex dina l-Qorti ma ghandhiex:-

"1. Tikkundannah illi jhallas lis-socjeta` attrici, is-somma ta' elf tmin mija u wiehed u ghoxrin Lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm 1,821.75), lilha dovuta kif fuq premess u dan bid-dispensa mis-smigh tal-kawza a tenur ta' l-Artikoli 167 et seq. tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

"Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja datata 27 ta' Awwissu 1999 u tal-mandati kawtelatorji, u interessi legali sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenut li jibqa' minn issa ingunt ghas-subizzjoni."

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' Vincent Tabone bhala prokuratur specjali tal-assenti Andrea Gerdes, pprezentata fit-3 ta' Frar, 2000, li permezz taghha gie eccepit:

"1. Illi skont ma gie riferit lili, it-talbiet tas-socjeta` attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, stante li x-xoghlijiet li s-socjeta` attrici giet inkarigata taghmel, ma sarux skont l-arti u s-sengha.

"2. Illi kwantu ghall-"water heater", din ma kinitx tal-kwalita` pattwita, in kwantu ma servietx biex issahhan il-pool bil-mod kif mitlub mill-konvenut.

"3. Salv eccezzjonijiet ohra."

Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-14 ta' Jannar, 2015, li permezz taghha l-kawza giet deciza fis-sens illi filwaqt li laqghet it-talbiet tal-attur nomine u cahdet l-eccezzjonijiet kollha sollevati mill-konvenut, ikkundannat lill-konvenut Andreas Gerdes sabiex ihallas lill-attur *nomine* s-somma ta' Lm1,821.75, ekwivalenti ghal €4,243.53. Bl-ispejjez kif dedotti fl-att tac-citazzjoni u bl-imghaxijiet legali dovuti mis-27 ta' Awwissu 1999, sad-data tal-pagament effettiv.

Dik il-Qorti ddecidiet il-kawza, wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "13.0. Illi r-relazzjoni peritali tista` sintetikament tigi esposta bil-mod segwenti:
>
> "13.1. Illi fl-1997 l-attur *nomine* kien avvicinat mill-konvenut biex jistalla xi apparat fil-pixxina tieghu li kien ser jibni fir-residenza tieghu, (ara paragrafu numru wiehed punt wiehed, (1.1.), aktar qabel);
>
> "13.2. Illi wara li gie iffirmat il-kuntratt relattiv, il-haddiema tal-attur *nomine* stallaw il-pajpijiet u *fittings* necessarji, (ara foll 44);
>
> "13.3. Illi *stante* li kien jehtieg li dawn il-pajpijiet u *fittings* jigu stallati qabel il-bicca l-kbira tax-xoghol ta' kostruzzjoni tal-pixxina, it-tikhil finali u l-bini tal-hitan ta' l-istruttura tal-pixxina bil-konkos kienu ghadhom ma sarux meta dawn il-pajpijiet u *fittings* kienu stallati, (ara foll 44);
>
> "13.4. Illi l-attur kien ipprovda *water heater* fuq inkarigu tal-konvenut, (ara foll 44);
>
> "13.5. Illi s-socjeta` attrici ma kinitx involuta fil-kostruzzjoni tal-pixxina, (ara foll 44);
>
> "13.6. Illi *di piu`*, l-istess konvenut kien mexa kontra l-pariri tal-attur u stalla *gulley* tac-ceramika bi sbokk wiehed, meta skont l-attur dan kien jinhtieg li jkun bi tnejn, (ara foll 44);

"13.7. Illi meta f'Awissu tal-1998 il-pixxina intliet ghall-ewwel darba bl-ilma gie nnotat li kien hemm ilma hiereg mill-kamra tal-pompa tal-istess pixxina, (ara foll 44), u minn mal-*acuzzi*, (ara wkoll foll 44);

"13.8. Illi l-ezamijiet teknici fir-rigward saru mill-perit tal-konvenut, (ara foll 44);

"13.9. Illi mill-ezamijiet teknici kondotti mill-attur u konfermati mill-perit tal-konvenut stess, l-iskular tal-ilma riskontrat ma kienx dovut ghal xi difett fl-istruttura tal-pixxina, (ara foll 45);

"13.10. Illi wara ezamijiet teknici ohra u wkoll wara li giet zvojtata l-pixxina in dizamina, rrizulta li x'aktarx l-ilma kien qed jiskula mill-*grouting* tal-madum tal-pixxina, (ara foll 45);

"13.11. Illi meta dan il-*grouting* gie miksi b'materjal appozitu anke taht is-sorveljanza tal-perit tal-konvenut, l-ilma ma baqax jiskula aktar, (ara foll 45);

"13.12. Illi *di piu`*, testijiet teknici ohra anke taht is-sorveljanza ta' persuna ta' fiducja tal-konvenut, urew li meta giet ezercitata pressa ta' l-arja fil-pajpijiet stallati fl-istess pixxina, dawn kienu difettuzi, (ara foll 45);

"13.13. Illi l-pajp in kwistjoni kellu jigi sostitwit u l-problema fir-rigward kienet rizolta, (ara foll 45);

"13.14. Illi meta regghet bdiet tintela` l-pixxina, rega` beda jiskula ilma mill-kamra tal-pompa, (ara foll 45);

"13.15. Illi ghalhekk kellu jsir ukoll xoghol iehor biex jirrimedja s-sitwazzjoni, (ara foll 46);

"13.16. Illi d-difetti kollha riskontrati fil-pixxina *de quo* ma kienux jirrizultaw li kienu naxxenti mix-xogholijiet tal-attur *nomine* izda minn terzi, (ara foll 46);

"13.17. Illi l-ammont globali mitlub mill-attur *nomine* hu dak indikat fic-citazzjoni attrici, (ara paragrafu numru wiehed punt hamsa punt wiehed, (1.5.1.), aktar qabel u foll 1);

"13.18. Illi l-apparat tal-filtrazzjoni u l-apparat li jsahhan il-pixxina mixtrija u stallati mill-attur *nomine* fil-pixxina tal-konvenut ghadhom jigu utilizzata mill-istess konvenut;

"13.19. Illi x-xogholijiet li l-konvenut xtaq li jsiru fil-villa tieghu fuq indikata gew minnhu fdati lil certu Vince Tabone li jistqarr li peress li kien maghfus biz-zmien, kellu jassenja x-xoghol lil diversi kuntratturi differenti, (ara foll 69);

"Ikkunsidrat:

"14.0. Illi wara li anke ezaminat ir-risposti in eskussjoni tal-perit legali involuta, din il-qorti ma tqisx li m'ghandiex toqghod fuq il-konkluzjonijiet tal-istess, u konsegwentement tiddikjara li qeghda taghmel taghha l-istess konkluzjonijiet a bazi tal-konsiderazzjonijiet hemm kondotti, u konsegwentement tissottolinea s-segwenti:

"14.1. Illi *stante* li l-konvenut zamm u baqa` jutilizza l-pompa in dizamina, l-allegazzjoni tal-konvenut li din ma kienitx tal-kwalita` pattwita ma treggix;

"14.2. Illi ghalhekk il-konvenut stess jirrizulta li rrinunzja ghal kull dritt li seta` kellu fir-rigward;

"14.3. Illi kif indikat l-abbli perit legali fir-rigward mill-gurisprudenza minnha citata li a skans ta' repetizzjoni inutili mhix ser tigi riprodotta:

"... jekk ix-xerrej izomm l-oggett avolja ma jkunx tal-kwalita` pattwita, u jecepixxi l-kwistjoni biss meta jigi mitlub il-hlas, huwa jitlef kull dritt li seta` kellu", (ara foll 120);

"14.4. Illi s-suespost japplika wkoll ghall-pompa ta' filtrazzjoni in dizamina;

"Ikkunsidrat:

"15. Illi tenut kont tas-suespost, din il-qorti m'ghandha l-ebda alternattiva hlief li tistrieh ghal kollox fuq il-konkluzjonijiet tal-istess espert legali *de quo*;

"16. Illi ghaldaqstant hi wkoll taghmel taghha il-konkluzjoni in dizamina, (ara foll 122);

"Ikkunsidrat:

"17.0. Illi konsegwenza tas-suespost din il-qorti hi sodisfatta li l-attur *nomine* pprova l-kaz tieghu skont il-ligi, u konsegwentement, filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet kollha sollevati mill-konvenut, takkolji t-talbiet kollha tal-istess attur *nomine*…"

Rat ir-rikors tal-appell ta' Andreas Gerdes, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti tirrevoka, thassar u tannulla s-sentenza deciza fl-14 ta' Jannar, 2015, fil-kawza fl-ismijiet premessi u billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-

konvenut appellant, tichad it-talbiet attrici fl-intier taghhom, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` attrici appellata.

Rat li minkejja li l-attur *nomine* kien notifikat bir-rikors tal-appell, huwa baqa' ma ressaqx risposta tal-appell.

Rat li d-difensuri tal-partijiet ittrattaw l-appell in ezami waqt is-seduta tal-4 ta' Frar, 2020.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

Illi l-attur *nomine* ressaq din il-kawza sabiex permezz taghha talab lill-Qorti sabiex tikkundanna lill-konvenut ihallas il-bilanc ta' Lm1,821.75, rapprezentanti makkinarju u xoghol li huwa ghamel fuq inkarigu tal-istess konvenut fil-pixxina fil-fond "Villa Margerita", Triq tas-Silg, Marsaxlokk.

Il-konvenut appellant eccepixxa li x-xoghlijiet ma sarux skont is-sengha u l-arti u li in kwantu ghall-*water heater,* din ma kinitx tal-kwalita` pattwita peress li ma servietx l-iskop taghha li ssahhan l-ilma tal-pixxina, bil-mod kif mitlub mill-istess konvenut.

L-ewwel Qorti adottat ir-rapport tal-perit legali u wara li siltet numru ta' konsiderazzjonijiet mill-imsemmi rapport, filwaqt li cahdet l-eccezzjonijiet kollha mressqa mill-konvenut, laqghet it-talbiet attrici u kkundannat lill-konvenut sabiex ihallas is-somma mitluba ta' Lm1,821.75 (ekwivalenti ghal €4,243.53), flimkien mal-ispejjez u bl-imghaxijiet legali jiddekorru mis-27 ta' Awwissu, 1999, sad-data tal-pagament effettiv.

Il-konvenut hassu aggravat bl-imsemmija sentenza u ghalhekk interpona appell minnha. L-appell tal-konvenut huwa bazikament imsejjes fuq zewg aggravji ewlenin: (I) in-nullita` tad-decizjoni appellata stante li l-ewwel Qorti naqset milli verament tiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet migjuba a konjizzjoni taghha u (II) naqset li tikkonsidra l-eccezzjoni tieghu li x-xoghlijiet ma sarux skont is-sengha u l-arti, altrimenti ma kinitx tichad l-imsemmija eccezzjoni.

Fl-ewwel aggravju tieghu l-konvenut appellant jaghmel referenza ghal sentenza ta' din il-Qorti (Sede Inferjuri) tat-28 ta' April, 2004, fil-kawza fl-ismijiet **Agricultural Co-Operative Limited v. Peter Axisa**, fejn inghad li n-nuqqas u mankanza ta' accenn mill-Qorti ghal numru ta' eccezzjonijiet, inevitabbilment iwassal ghan-nullita` tad-decizjoni. Filwaqt li l-attur appellant jirreferi ghall-eccezzjonijiet tieghu relatati mal-fatt li x-xoghol ma sarx skont kif titlob is-sengha u l-arti u li l-*water heater* ma kinitx tal-kwalita` pattwita, jishaq li l-ewwel Qorti naqset milli tevalwa

tali eccezzjonijiet u tiddeciedi dwarhom u l-istess decizjoni lanqas issemmihom fil-konsiderazzjonijiet taghha. Jilmenta li l-ewwel Qorti zbaljat meta qalet li l-konvenut ma kellu ebda dritt jilmenta dwar il-kwalita` pattwita, ladarba baqa' jaghmel uzu mill-pompa, mentri din l-eccezzjoni nghatat fir-rigward tal-*water* heater (u mhux pompa), filwaqt li injorat kompletament l-eccezzjoni l-ohra tieghu. Jargumenta li l-ewwel Qorti kellha dover li tidhol fil-kwistjoni tal-kwalita` tal-istess *water heater* u mhux semplicement tistrieh fuq il-kazisitka citata mill-perit legali, minghajr ebda referenza ghall-provi migbura. Isostni li ma setax jinghad li l-konvenut appellant irrinunzja ghad-drittijiet tieghu meta huwa nkariga Inginier sabiex jaghmel ir-rakkomandazzjonijiet tieghu, sabiex jipprova jsolvi l-problemi li holqot is-socjeta` appellata. Dan apparti li jekk ix-xoghol jirrizulta li ma sarx skont is-sengha u l-arti, il-kwistjoni ma ddurx semplicement fuq il-kwistjoni tal-kwalita` tal-*water heater.* Ghalhekk jinsisti li l-ewwel Qorti kellha d-dover legali li tara jekk l-eccezzjonijiet tieghu kinux jimmeritaw li jigu akkolti jew le, billi l-ewwel tara jekk ix-xoghlijiet ezegwiti kinux skont is-sengha u l-arti u ghalhekk jikkontendi li lanqas jista' jinghad li l-ewwel Qorti cahdet b'mod implicitu l-eccezzjonijiet kollha, peress li fattwalment dawn lanqas biss gew ikkonsidrati. Dan in-nuqqas tal-ewwel Qorti jxejjen l-istess sentenza appellata u jaghmilha nulla u bla effett fil-ligi.

Ghandu jinghad mal-ewwel li, din il-Qorti tqis li l-konvenut appellant m'ghandux ragun fir-rigward tal-ewwel aggravju tieghu. Jigu mfakkra xi principji regolatorji in materja bhal: li huwa dejjem mehtieg li l-Qrati jaghtu r-ragunijiet ghad-decizjoni taghhom (Artikolu 218 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) u li kull dikjarazzjoni deciziva jew obbligatorja ghandha tkun fid-dispozittiv tas-sentenza (Artikolu 219 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta). Hekk ukoll, huma biss dawk l-eccezzjonijiet mahsuba taht l-Artikolu 730 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, li ghandhom jigu decizi b'kap ghalihom qabel jew flimkien mas-sentenza fuq il-mertu u li din il-Qorti m'ghandhiex tilqa' eccezzjoni ta' nullita` ta' sentenza, jekk is-sentenza tkun gusta fis-sustanza taghha (Artikolu 790 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta).

Inoltre jista' jirrizulta li s-sentenza hija wahda li minnha jinstiltu sew r-ragunijiet li fuqhom dik il-Qorti kienet qieghda tibbaza d-decizjoni taghha, kif jitlob l-Artikolu 218 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta). Huwa ritenut pacifiku li l-pronuncja tal-Qorti fuq talba jew eccezzjoni partikolari tista' tkun implicita – ara f'dan is-sens sentenza ta' din il-Qorti (Sede Inferjuri) tas-27 ta' Gunju, 2014, fil-kawza fl-ismijiet: **Lloyds (Malta) Limited et v. Air Malta plc,** fejn inghad:

> "*Illi ssir riferenza għall-kawża deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar l-4 ta' Ġunju 1946*[1] *fejn intqal is-segwenti*:
>
> "*Il-pronunċja tal-Qorti fuq talba, jew-meta l-liġi ma tirrikjedix diversament-fuq eċċezzjoni proposta, tista' tkun impliċita. U dan jiġri meta din il-pronunċja tkun konsegwenza neċessarja tal-pronunċja*

[1] Kollezz. Volume 32D (1946), Part No. 2, Section, Page 370.

> *espressa. F'dan il-każ ikun biżżejjed li mill-parti razzjonali tas-sentenza jkun jidher li tkun giet meħuda in konsiderazzjoni t-talba jew l-eċċezzjoni, impliċita milqugħa jew michuda, ossija li jkun inżamm kont tagħhom, sabiex ma jkunx hemm vjolazzjoni tad-dispozizzjoni tal-liġi li tgħid li s-sentenza għandha qabel xejn ikun fiha r-raġunijiet li fuqhom il-Qorti tkun ibbazat il-pronunċja tagħha.*"

Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, ghandu jinghad li ghalkemm l-ewwel Qorti fil-konsiderazzjonijiet taghha ma dahlitx fid-dettal tal-eccezzjonijiet tal-konvenut, jinghad minnha li wara li ghamlet referenza ghar-relazzjoni tal-perit legali, nkluz il-konsiderazzjonijiet maghmula minnha, il-konkluzjoniijiet taghha u ghar-risposti in eskussjoni u ghamlet taghha l-gurisprudenza citata mill-istess perit legali, strahet fuq il-konkluzjonijiet tal-perit legali u ghamlet taghha l-konkluzjonijiet milhuqa minnha, qabel m'ghaddiet sabiex tilqa' t-talbiet attrici u tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut.

Minn ezami tar-rapport peritali, jirrizulta li fir-rigward tal-*water heater* (li tajjeb jinghad li fid-dokumentazzjoni tissejjah bhala ***heat pump*** - ara Dok. CZ3 a fol. 138 tal-process) il-perit legali dahlet sew fl-eccezzjoni li din l-oggett ma kinitx tal-kwalita` pattwita. Hija ghamlet referenza ghall-gurisprudenza estensiva ta' din il-Qorti fis-sens li jekk xerrej ikun jaf bi stat ta' fatt li jintitolah jezercita dritt u jhalli dak l-istat ta' fatt jipprogredixxi minghajr ma jagixxi ghad-dritt tieghu u jzomm l-oggett allavolja ma jkunx tal-kwalita` pattwita, jista' jitqies li f'certu cirkostanzi li jkun irrinunzja ghall-prosegwiment ta' dak id-dritt. Kwindi jekk perezempju, izomm l-oggett li jinghad li mhux tal-kwalita` pattwita, kif jirrizulta li gara fil-kaz in ezami, u

jeccepixxi biss il-kwistjoni meta jigi mitlub il-hlas, huwa jitlef kull dritt li seta' kellu.

In linja ma' dawn il-principji, issir referenza ghall-gurisprudenza relevanti msemmija fis-sentenza ta' din il-Qorti tat-12 ta' Lulju, 2019, fil-kawza fl-ismijiet **Dr. Louis Buhagiar v. UCIM Co. Limited** fejn inghad hekk:

> *"Fis-sentenza mogħtija fil-kawża "Paul Galea pen vs Carmel Galea" (31.01.2003) il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili spjegat illi:*
>
> > *"Mir-riċerka kondotta mill-Qorti jidher li saż-żminijiet riċenti l-Qorti tal-Appell segwiet it-tifsira adottata f'dawk il-ġudikati li rritenew li biex ix-xerrej jeħles mir-rabta kontrattwali li kien daħal fiha li jakkwista l-oġġett mingħand il-venditur, fejn dak l-oġġett ma jkunx konformi mal-kampjun jew skont il-kwalita` mwegħda, hu kellu jirrifjutaħ jew materjalment jew billi jiddepożitah taħt l-Awtorita` tal-Qorti. (Avv. Dr Louis Cassar Pullicino noe vs Pauline Buhagiar noe – App. 28.04.2000)*
> >
> > *"…….Kif issokta jingħad fis-sentenza fl-ismijiet "John Mary Dalli nomine vs Grezzju Patiniott, Appell, 19 ta' Mejju 2000, "din kienet difiża li l-kompratur seta' javvanza wkoll per via di eccezione jekk il-venditur jinterpellah biex iħallas il-prezz tal-oġġett in vendita. Mill-banda l-oħra jekk il-kompratur jagħżel li jżomm l-oġġett lilu konsenjat u bl-ebda mod ma jirreaġixxi skont kif trid il-liġi għall-fatt li dak l-oġġett ma jkunx skont il-kampjun jew tal-kwalita` pattwita, l-kompratur ikun qiegħed jippreġudika irrimedjabbilment il-pożizzjoni tiegħu."*
>
> *"36. F'sentenza mogħtija fil-kawża fl-ismijiet "David Pace vs Tony Vella" (12.11.2013), il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili spjegat kif għall-finijiet tal-Artikolu 1390:*
>
> > *"Il-forma ġuridika tar-rifjut hi komunement meqjusa bħala d-depożitu formali tal-oġġett permezz ta' cedola fil-Qorti u f'każijiet ta' oġġetti kbar id-depożitu fiżiku tal-oġġett għand konsinjatarju."*

Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, din il-Qorti tqis li din l-eccezzjoni tal-konvenut appellant giet mistharrga sew mill-perit legali, mhux biss ghaliex stharrget il-fatti rizultanti mill-provi, nkluz ix-xhieda, l-istima u l-materjal esebit in atti fir-rigward tat-tip ta' *heat pump* adoperata

fil-pixxina in kwistjoni, izda qieset ukoll li minkejja li l-konvenut jghid li ma kienx kuntent bl-imsemmija pompa, din il-pompa ghadha nstallata fil-post.

Hekk ukoll il-perit legali ezaminat ukoll il-fondatezza tal-eccezzjoni tal-konvenut appellant li x-xoghol ma sarx skont is-sengha u l-arti. Minbarra dan, il-konkluzjoni li waslet ghaliha l-ewwel Qorti kien il-frott ukoll ta' kostatazzjonijiet ta' perit legali mahtura minnha li gharblet il-provi u ghamlet il-konsiderazzjonijiet legali taghha fid-dawl tal-provi in atti u ma tirrizulta ebda raguni valida 'l ghala l-ewwel Qorti ma kellhiex toqghod fuqhom. Kwindi meta l-ewwel Qorti cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenut, peress li ma qisetx li dawn kienu tajba, dan ghamlitu peress li qaghdet fuq il-konsiderazzjonijiet kemm tal-provi, kif ukoll dawk legali tal-perit legali. Sa fejn il-kwistjoni hija wahda ta' apprezzament ta' provi, jinghad li din il-Qorti ma nghatatx ragunijiet tajbin bizzejjed mill-konvenut appellanti biex tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti ghamlet xi apprezzament irragonevoli jew kontradett mill-atti tal-kawza.

Inoltre tajjeb jinghad ukoll li, ghalkemm saret eskussjoni tal-perit legali, ma ntalbitx il-hatra ta' periti addizzjonali. Kien jinkombi lill-konvenut appellant jitlob il-hatra ta' periti addizzjonali jekk kemm-il darba ma qabilx mal-perizja legali. Ghalkemm perizja legali tikkontradistingwi lilha nnifisha minn perizja teknika in kwantu ma titqiesx bhala prova, kif inghad

fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tat-23 ta' Mejju, 2007, fil-kawza fl-ismijiet **Mekanika Limited v. Masco Security Services Ltd:**

> *"Hu bil-wisq evidenti mill-kontenut tal-perizja illi l-opinjoni espressa fiha hi wahda esklussivament ta' indoli legali u fiha ma nsibu ebda konstatazzjoni fuq il-punt tekniku. In kwantu tali din ma tistax tikkwalifika ruhha bhala "prova" li trid tigi konsiderata flimkien ma' provi ohra istruttorji, izda, kif osservat, "kienet perizja legali fejn il-funzjoni tal-perit kienet dik li jigbor il-provi mressqin mill-partijiet u mbaghad jirrelata fuqhom u jissottometti l-parir tieghu fuq il-kwestjoni legali sottomessa mill-partijiet ghall-konsiderazzjoni tal-Qorti." ("Paolo Calleja -vs- Luigi Vella", Appell Kummercjali, 15 ta' Gunju 1964)"*

Hekk ukoll f'dan il-kaz l-ewwel Qorti ghazlet li toqghod fuq il-parir legali moghti lilha mill-perit legali li xtarret il-provi in atti sew. Isegwi li ma jirrizultawx cirkostanzi sufficjenti sabiex jintlaqa' l-ilment tan-nullita` tas-sentenza invokata mill-konvenut appellant fl-ewwel aggravju tieghu.

Imiss li jigi trattat it-tieni aggravju, dak fejn il-konvenut appellant jilmenta li l-ewwel Qorti naqset milli tikkonsidra l-eccezzjoni tieghu li x-xoghlijiet ma sarux skont is-sengha u l-arti, kwindi ma setghet qatt tichad l-istess eccezzjoni. Isostni li kieku l-ewwel Qorti dahlet fil-provi u fil-kwistjoni kollha tal-kaz, hija kienet tasal ghal konkluzjoni ferm differenti minn dik milhuqa minnha. Il-konvenut appellant jelenka lista shiha ta' provi u argumenti li fil-fehma tieghu, gew imwarrba mill-ewwel Qorti, meta dawn kienu provi li s-socjeta` attrici, illum appellata, naqset milli taghmel ix-xoghol skont is-sengha u l-arti.

Fosthom insibu li (i) meta kien qieghed isir ix-xoghol tal-kisi, il-haddiema tas-socjeta` appellata ma mlewx il-fili qabel; (ii) it-tahlita tal-kisi kienet hazina u ghalhekk qasam; (iii) kellha tinqala’ parti mill-art tal-pixxina peress li kien hemm ksur f’*elbow* tal-plastik, xoghol li sar mis-socjeta` appellata meta qabel sar il-konkos kellha tivverifika li kollox kien qieghed jahdem kif suppost u li ma kienx hemm ksur proprju sabiex tevita problemi bhal dawn; (iv) dak li s-socjeta` appellata tirreferi ghalih bhala tarag u tghid li kien hemm problema ta’ kostruzzjoni li hija ma kinitx responsabbli ghalih, effettivament kien bank madwar il-pixxina u meta Vincent Tabone ha mizura temporanja li japplika s-*silicone* naqas l-iskular tal-ilma, kellha tirrizulta bhala prova cara li l-problema ewlenija kienet fix-xoghol li sar da parti tas-socjeta` attrici; (v) Olven Mangion kien issuggerixxa li ssir *submersible pump* gewwa *sump* fil-*pump room,* izda din ma kinitx soluzzjoni ghal xoghol hazin li sar; (vi) Mangion kien talab li biex ikompli ried jithallas ta’ dak li kien baqghalu jithallas fuq ix-xoghol li kien ghamel u ta’ dak ix-xoghol hazin li kien irranga; (vii) rigward il-*water heater* li l-konvenut appellant kien hallas nofs il-prezz bil-quddiem, ladarba ma bdietx issahhan il-pixxina kif suppost, is-socjeta` attrici ppretendiet hlas tal-bilanc minflok ma vverifikat x’kienet il-problema, riedet tithallas u ghalhekk huwa qabbad lill-Mediterranean Technical Services Limited li baghtu lill-Inginier taghhom, Gordon Dimech jaghmel spezzjoni; dan l-Inginier ikkonstata li ma gewx installati *pressure gauges* fuq il-*heat pump* u anqas *thermometer gauge* fuq is-*suction pump*; (viii) saret referenza

ghar-rapport ta' Gordon Dimech li jinsab esebit fl-atti; (ix) dan ir-rapport ma gie kkontestat bl-ebda mod mis-socjeta` attrici, izda l-istess rapport ma nghata l-ebda importanza u l-ewwel Qorti warrbet il-konkluzjoni milhuqa fl-imsemmi rapport; (x) jigu citati siltiet mir-rapport tal-Inginier Dimech bhala nuqqasijiet u rakkomandazzjonijiet li minnhom jinghad jirrizulta li x-xoghol ezegwit qatt ma jista' jitqies li sar skont is-sengha u l-arti; (xi) issir referenza ghax-xhieda tal-konvenut appellant fir-rigward tan-nuqqas tal-*heater* li ma kienx qieghed jahdem u dan flimkien ma' silta ohra mir-rapport tal-Inginier inkarigat minnu; u (xii) li dan juri li l-problema li kellu tal-*heating* tal-pixxina giet ikkawzata proprju minhabba n-nuqqas da parti tas-socjeta` appellata stante li ghazlet li tuza sistema li ma kinitx adattata ghall-qies tal-pixxina u dan kif spjegat fid-dettal tar-rapport tal-Inginier Gordon Dimech. Fid-dawl ta' din il-prova teknika, li ma gietx kontestata mill-kontro-parti, li l-problemi li nqalghu kienu konsegwenza diretta tax-xoghol li sar mis-socjeta` appellata, il-konvenut appellant jitlob li din il-Qorti tilqa' l-appell tieghu.

Ghandu jinghad li dan l-aggravju tal-konvenut ukoll ma jistax jirnexxi mhux biss ghall-istess ragunijiet spjegati fil-konsiderazzjoni ta' din il-Qorti taht l-ewwel aggravju, izda wkoll fuq il-bazi tal-principju li min jallega jrid jipprova. F'dan il-kaz, il-konvenut qieghed jilqa' ghat-talbiet attrici ghall-hlas ta' bilanc ta' prezz ta' taghmir ghall-pixxina u ghal xoghlijiet li wettqet, billi jeccepixxi li x-xoghol tas-socjeta` attrici ma sarx kif titlob s-sengha u

l-arti. Kwindi wara li s-socjeta` attrici tipprova li kkonsenjat it-taghmir u wettqet ix-xoghol, kien jispetta lill-konvenut iressaq l-ahjar prova in sostenn tal-eccezzjoni tieghu. Il-piz tal-prova jaqa' fuq il-konvenut appellant li jressaqha fuq il-massima li *reus in excipiendo fit actor*, u huma mehtiega l-istess provi fi grad tali li ssoltu jaqghu fuq l-attur dwar il-pretensjonijiet tieghu f'kawza civili.

Maghmula din il-konsiderazzjoni, fil-konfront tal-ilmenti (i), (ii) u (iv) jigi nnutat li l-perit legali qalet hekk proprju fir-rigward ta' dawn l-ilmenti:

> "*Illi l-esponenti tirrileva li ghalkemm Vincent Tabone, fl-affidavit tieghu elenka ghadd ta' tiswijiet u modifikazzjonijiet li saru fil-pool, dawn l-istess tiswijiet qatt ma gew konfermati mill-persuni li kienu inkarigati jaghmluhom, kif ma giex ukoll konfermat ir-rapport tekniku tal-Inginier Gordon Dimech. Illi ghalhekk* ***il-konvenut ma ressaqx l-ahjar prova sabiex jipprova l-ilmenti tieghu.*** *…*
>
> *"L-uniku ilment li kellu l-konvenut kien fuq il-mod kif sar il-kisi originali mill-attur peress li skond hu fejn gie miksi inqasam kollu. Illi pero ghal darb'ohra l-esponent tirrileva illi* ***ma ngabu l-ebda provi konkreti mill-konvenut fuq dan il-punt****. Huwa veru li gie esebit ritratt mill-konvenut ta' kif suppost inqasam il-kisi, pero l****-konvenut naqas milli talinqas jipproduci bhala xhud il-persuna li giet inkarigata taghmel it-tiswijiet necessarji fuq l-istess kisi. Lanqas ma giet prodotta xi ricevuta f'dan ir-rigward,*** *bhal ma del resto ma gew prodotti l-ebda ricevuti ohra dwar it-tiswijiet u modifikazzjonijiet li Vincent Tabone jelenka fl-affidavit tieghu. Illi* ***di più hemm cahda kategorika da parti tal-attur li l-hajt li hu kesa seta' garrab dik il-hsara fi zmien tant qasir****, tant li huwa qal li r-ritratt esebit bhala Dok. CZ8 ma jirrafigurax il-pool li hu kesa." (*enfasi ta' din il-Qorti)

Dan kollu gie ribadit mill-perit legali meta saritilha l-eskussjoni da parti tal-konvenut. Din il-Qorti ma ssib xejn x'ticcensura f'dak li nghad mill-perit legali u tqis li mis-silta appena citata, li l-konvenut ma rnexxilux iressaq il-prova mehtiega minnu.

Rigward l-ilment numru (iii) il-perit legali kemm fir-rapport taghha kif ukoll in eskussjoni wiegbet:

> "*Irrizulta li l-leak kien gej minn elbow tal-plastic miksur. Gie spjegat minn Olven Mangion illi huma nstallaw il-pajpijiet qabel ma bdiet il-kostruzzjoni tal-pool u ghaldaqstant il-leakages li rrizultaw sussegwentement minn pajp maqsum u* ***elbow tas-sump imkissra ma kienx rizultat ta' xoghol hazin taghhom izda negligenza ta' terzi****….*
>
> *"F'dak l-istadju l-attur ma setghax jaghmel it-testijiet necessarji peress li l-pool kienet ghadha ma nbnietx."*

Hawn ukoll il-konkluzjoni tal-perit legali tidher li hija wahda logika.

L-istess jista' jinghad fir-rigward tal-ilment numru (v) fejn il-perit legali wiegbet hekk in eskussjoni:

> "*…is-suggeriment tas-submersible pump kien sar fil-bidu tax-xogholijiet ukoll. Dan is-suggeriment is-socjetà attrici ghamlitu mhux biex tirrisolva l-problema tal-leaks imma ghax kien imperattiv peress li l-pump room qieghda taht il-livell ta' l-art."*

Fil-kaz tal-ilment numru (vi), mir-rapport tal-perit legali jirrizulta li certu xoghlijiet rimedjali li wettqet is-socjeta` attrici, kien rizultat ta' xoghol hazin jew hsarat li wettqu terzi, kif ukoll il-fatt li l-konvenut zamm it-taghmir tal-pixxina li nghad li mhux tal-kwalita` pattwita, u jeccepixxi biss il-kwistjoni meta jigi mitlub il-hlas, kif spjegat taht l-ewwel aggravju, huwa jitlef kull dritt li seta' kellu u ghalhekk is-socjeta` attrici kienet intitolata ghall-hlas.

Fir-rigward tal-ilmenti (vii) sa (xii), li lkoll jitrattaw il-*water heater* u li din ma kinitx addattata ghall-pixxina in kwistjoni fost affarijiet ohra, kif inghad qabel, il-konvenut naqas milli jressaq lill-*Inginier* Gordon Dimech sabiex jixhed u jikkonferma r-rapport tieghu. In fatti l-perit legali in eskussjoni qalet:

> "*Fir-rigward ta' dak dikjarat mill-Inginier Gordon Dimech, l-esponenti tirrileva illi dak dikjarat minnu ma gie bl-ebda mod sostanzjat stante li lanqas biss gie prodott bhala xhud tal-konvenut*."

Fin-nuqqas li ssir din il-prova, li kif spjegat qabel, kienet tispetta lill-konvenut appellant, din il-Qorti ma tarax kif dawn l-ilmenti tieghu jistghu jirnexxu, peress li mhux imholli li parti tipprova timla l-vojt tan-nuqqasijiet taghha in prim'istanza, permezz ta' aggravji f'din l-istanza.

Isegwi li meta l-ewwel Qorti adottat il-parir moghti lilha permezz tar-rapport tal-perit legali, li kif appena spjegat huwa msejjes fuq konkluzjonijiet ragonevoli tenut kont il-provi u l-principji legali li jsawwru l-kaz, din il-Qorti tqis li s-sentenza hija wahda sostanzjalment gusta u timmerita konferma.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tal-konvenut appellant Andreas Gerdes, billi <u>tichad</u> l-istess u ghalhekk tikkonferma s-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta'

Jannar, 2015, fil-kawza fl-ismijiet premessi. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess konvenut appellant.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imhallef | Joseph R. Micallef<br>Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef |

Deputat Registratur
rm